**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 15**

**It-Tlieta, 16 ta' Jannar 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-4.42 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor Adrian Delia, u l-Onor. Amanda Spiteri Grech, kienu preżenti. L-Onor. Paula Mifsud Bonnici ssostitwiet lill-Onor. Julie Zahra.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 14 li saret l-Erbgħa, 4 ta' Ottubru 2023, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT JOSEPH DIMECH GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦAL PERSUNI ANZJANI**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, illum ukoll Ministru għas-saħħa l-Onor Jo-Etienne Abela, datata 7 ta' Diċembru 2023, dwar in-nomina ta' Dott. Joseph Dimech għall-ħatra ta' Chairman tal-Awtorità tal-Istandards għal persuni anzjani. Għal-laqgħa kien ukoll preżenti l-Ministru għas-saħħa u l-Anzjanità Attiva Jo-Etienne Abela.

Il-Kumitat stieden lil Dott. Dimech sabiex tidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dott. Dimech kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dott. Joseph Dimech daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dott. Dimech li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott. Dimech ta rendikont tal-karriera tiegħu. Huwa qal li l-40 sena esperjenza mal-anzjani u l-imħabba li għandu għall-anzjani għandhom jixprunawh sabiex jagħmel xogħlu bi mħabba kif dejjem għamel.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Dott. Dimech spjega li l-Awtorità għall-Istandards tal-Anzjani mhux konfliġġenti mal-kumitat tal-Etika, iżda jekk il-kumitat jogħġbu jaċċetta n-nomina tiegħu bħala Chairman tal-Awtorità tal-Istandards għall-Anzjani, ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jirtira mill-kumitat tal-Etika..

Fil-5.10 p.m., bil-permess tal-Kumitat, il-Ministru Jo-Etienne Abela ġie mistieden sabiex jispjega xi mistoqsijiet amministrattivi, fosthom dwar il-kura ġerjatrika f'Malta u d-diskussjoni u l-mistoqsijiet lil Dott. Dimech komplew.

Fil-5.23 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dott. Dimech u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu. F'dan il-ħin ukoll, il-Ministru Jo-Etienne Abela ħareġ mill-kamra tal-kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dott. Joseph Dimech għall-ħatra ta' Chairperson tal-Awtorità tal-Istandards għal Persuni Anzjani. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.24 p.m. il-Kumitat stieden lil Dott. Dimech jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dott Joseph Dimech daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairman tal-Awtorità tal-Istandards għal persuni anzjani kienet għaddiet mill-Kumitat u, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Dott. Joseph Dimech rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5:31 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**